

Il-Ġurnal Uffiċjali

L 91

tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 64

17 ta' Marzu 2021

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/457 tat-13 ta' Jannar 2021 li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/161 fir-rigward ta' deroga mill-obbligu tal-grossisti li jiddeattivaw l-identifikatur uniku tal-prodotti esportati lejn ir-Renju Unit ⁽¹⁾** 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/458 tal-10 ta' Marzu 2021 li japprova emenda mhux minuri fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott għal isem elenkat fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Πατάτα Νάξου" (Patata Naxou) (IĠP))** 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/459 tas-16 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva fenpirażammina ⁽¹⁾** 4
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/460 tas-16 ta' Marzu 2021 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-entrata għall-Ukrajna fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati lejn l-Unjoni, u jgħaddu minnha bi tranżitu, ċerti prodotti tat-tjur b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja ⁽¹⁾** 7
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/461 tas-16 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 fir-rigward tad-data biex jintlaqgħu talbiet għar-rikonoxximent ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll għall-fini ta' ekwivalenza skont l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 ⁽¹⁾** 14

⁽¹⁾ Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/457

tat-13 ta' Jannar 2021

li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2016/161 fir-rigward ta' deroga mill-obbligu tal-grossisti li jiddeattivaw l-identifikatur uniku tal-prodotti esportati lejn ir-Renju Unit

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqşam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 54a(2)(d) tagħha,

Billi:

- (1) L-Artikolu 54a(1) tad-Direttiva 2001/83/KE jipprevedi li l-prodotti mediċinali soġġetti għal riċetta għandu jkollhom karatteristiki tas-sikurezza.
- (2) Skont l-Artikolu 22(a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/161 ⁽²⁾, grossista għandu jiddeattiva l-identifikatur uniku tal-prodotti mediċinali li jkun biħsiebu jiddistribwixxi l-barra mill-Unjoni.
- (3) Fl-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika. Skont l-Artikoli 126 u 127 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Ftehim dwar il-ħruġ”), id-dritt tal-Unjoni huwa applikabbli għar-Renju Unit u fih matul perjodu ta' tranżizzjoni li għandu jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020 (“perjodu ta' tranżizzjoni”).
- (4) F'konformità mal-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-ħruġ u mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti mediċinali tapplika fl-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.
- (5) Għalhekk, fin-nuqqas ta' deroga mir-regoli applikabbli, il-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni jkollu l-effett li l-identifikaturi uniċi jridu jiġu deattivati għall-prodotti mediċinali maħsuba għad-distribuzzjoni fir-Renju Unit.
- (6) Għadd ta' prodotti mediċinali jiġu pprovduti lil Ċipru, lil l-Irlanda, lil Malta jew lil l-Irlanda ta' Fuq permezz tal-Gran Brittanja. Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, f'konformità mal-Artikolu 54a(1) tad-Direttiva 2001/83/KE, ikun fidejn l-importaturi li jkollhom awtorizzazzjoni tal-manifattura f'dawk iż-żoni li jwajhlu identifikatur uniku għid fuq il-prodotti mediċinali meta jitqiegħdu fis-suq. Madankollu, attwalment ma hemm l-ebda importatur

⁽¹⁾ ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/161 tat-2 ta' Ottubru 2015 li jissupplimenta lid-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi r-regoli dettaljati dwar il-karatteristiki tas-sigurtà li jkunu jidhru fuq il-pakketti tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 32, 9.2.2016, p. 1).

b'awtorizzazzjoni tal-manifattura f'Ċipru, fl-Irlanda, f'Malta u fl-Irlanda ta' Fuq u għalhekk l-ebda importatur f'dawk iż-żoni li jista' jissodisfa dak l-obbligu mill-1 ta' Jannar 2021. Sabiex jiġi żgurat li l-provvisti jkunu konformi mal-obbligu li jitwarrbilha identifikatur uniku ġdid, jeħtieġ li l-ktajjen tal-provvista jiġu ddisinjati mill-ġdid.

- (7) Għalhekk, sabiex jiġi żgurat li l-prodotti mediċinali jiġu kkummerċjalizzati b'identifikatur uniku fis-swieq iż-żgħira li attwalment jiddependu fuq ir-Renju Unit għall-provvisti tagħhom ta' prodotti mediċinali, jeħtieġ li tingħata deroga temporanja mill-obbligu tal-grossisti li jiddeattivaw l-identifikatur uniku tal-prodotti li jkunu biħsiebhom jiddistribwixxu fir-Renju Unit peress li dawk il-prodotti jistgħu jiġu esportati mill-ġdid lejn l-Unjoni. Jenħtieġ li din id-deroga ma taffettwax l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni għar-Renju Unit u fil-fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq f'konformità mal-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq tal-Ftehim dwar il-Fruġ flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.
- (8) Għalhekk, ir-Regolament Delegat (UE) 2016/161 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (9) Wara li jiġi kkunsidrat it-tmiem imminenti tal-perjodu ta' tranżizzjoni, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ bħala kwistjoni ta' urġenza. Peress li l-perjodu ta' tranżizzjoni tal-Ftehim dwar il-Fruġ jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2021,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 22 tar-Regolament Delegat (UE) 2016/161, jizded il-paragrafu li ġej:

“Permezz ta' deroga mill-punt (a), mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2021, l-obbligu li jiġi deattivat l-identifikatur uniku tal-prodotti mediċinali li l-grossista jkun biħsiebu jiddistribwixxi 'l barra mill-Unjoni ma għandux japplika għall-prodotti li jkun biħsiebu jiddistribwixxi fir-Renju Unit (*).

(*) F'konformità mal-Ftehim dwar il-fruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll, għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.”

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Jannar 2021.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/458

tal-10 ta' Marzu 2021

li japprova emenda mhux minuri fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott għal isem elenkat fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet tal-Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ("Πατάτα Νάξου" (Patata Naxou) (IĠP))

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni eżaminat l-applikazzjoni tal-Ġreċja għall-approvazzjoni ta' emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tal-Indikazzjoni Ġeografika Protetta "Πατάτα Νάξου" (Patata Naxou), irreġistrata skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1250/2011 ⁽²⁾.
- (2) Billi l-emenda kkonċernata mhijiex minuri skont it-tifsira tal-Artikolu 53(2) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, il-Kummissjoni ppubblikat l-applikazzjoni għal emenda, kif meħtieġ f'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tal-istess Regolament, *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽³⁾.
- (3) Billi l-Kummissjoni ma rċeviet ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, jenħtieġ li l-emenda fl-Ispesifikazzjoni tal-Prodott tiġi approvata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*L-emenda tal-Ispesifikazzjoni tal-Prodott ippubblikata *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* li tikkonċerna d-denominazzjoni "Πατάτα Νάξου" (Patata Naxou) (IĠP) hija approvata.*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Fisem il-President,
Janusz WOJCIECHOWSKI
Membri tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1250/2011 tad-29 ta' Novembru 2011 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Πατάτα Νάξου (Patata Naxou) (IĠP)] (ĠU L 319, 2.12.2011, p. 41).

⁽³⁾ ĠU C 383, 13.11.2020, p. 12.

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/459**tas-16 ta' Marzu 2021****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva fenpirażammina****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari it-tieni alternattiva tal-Artikolu 21(3) u l-Artikolu 78(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 595/2012 ⁽²⁾ approva l-fenpirażammina bħala sustanza attiva f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 soġġett għal ċerti kundizzjonijiet, li jirrikjedu, b'mod partikolari, li l-Istat Membru eżaminanti jinforma lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 bl-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment.
- (2) F'Diċembru 2013, l-applikant issottometta dossier aġġornat maħsub biex jipprovdi l-informazzjoni dwar l-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment lill-Istat Membru relatur l-Awstrija fil-perjodu ta' żmien stipulat għas-sottomissjoni tiegħu. Id-dossier aġġornat ġie evalwat mill-Istat Membru relatur fil-forma ta' Addendum għall-Abbozz tar-Rapport ta' Valutazzjoni.
- (3) Fit-23 ta' April 2014, l-Awstrija qassmet l-addendum lill-Istati Membri, lill-applikant u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") għall-kummenti, flimkien mal-kummenti kollha fil-format ta' tabella ta' rappurtar, li tressqet lill-Awtorità fis-7 ta' Lulju 2014. L-Awtorità żiedet il-fehmiet xjentifiċi tagħha dwar il-punti speċifiċi mqajma matul il-fażi tal-kummenti fit-tabella tar-rappurtar.
- (4) Fit-13 ta' Awwissu 2014, l-Awtorità ppubblikat rapport tekniku ⁽³⁾ li jiġbor fil-qosor l-eżitu ta' dan il-proċess ta' konsultazzjoni għall-fenpirażammina.
- (5) L-abbozz tar-rapport ta' valutazzjoni, l-addendum u l-konklużjoni tal-Awtorità ġew analizzati mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni fi ħdan il-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf, u ġew iffinalizzati fit-18 ta' Mejju 2020 fil-format ta' rapport ta' rieżami tal-Kummissjoni għall-fenpirażammina.
- (6) Il-Kummissjoni stiednet lill-applikant iressaq il-kummenti tiegħu dwar ir-rapport ta' revizzjoni tal-Kummissjoni għall-fenpirażammina.
- (7) Fir-rapport ta' rieżami tagħha, il-Kummissjoni qieset li l-ispeċifikazzjoni teknika proposta fl-approvazzjoni tal-fenpirażammina jeħtieġ li tinbidel minn produzzjoni pilota għal dik kummerċjali. Matul il-valutazzjoni bħala impurità rilevanti, ġiet identifikata l-impurità idrażina, materjal tal-bidu, peress li nstabet fil-lottijiet ta' impjanti pilota analizzati mill-ġdid kif ukoll fil-lottijiet ta' pjanti kummerċjali. Billi qieset li l-impurità rilevanti idrażina hija ta' tħassib tossikoloġiku, il-Kummissjoni kkonkludiet li jenħtieġ li l-kontenut massimu ta' din l-impurità fil-materjal tekniku ma jaqbix il-0,0001 % (1 mg/kg).

⁽¹⁾ ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 595/2012 tal-5 ta' Lulju 2012 li japprova s-sustanza attiva fenpirażammina, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU L 176, 6.7.2012, p. 46).

⁽³⁾ EFSA (European Food Safety Authority), 2015. Outcome of the consultation with Member States, the applicant and EFSA on the pesticide risk assessment of confirmatory data for the active substance fenpyrazamine. Pubblikazzjoni ta' sostenn tal-EFSA 2014:EN-630.

- (8) Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għall-konsumaturi, huwa għalhekk xieraq li jiġi stabbilit livell massimu għal din l-impurità fis-sustanza attiva manifatturata kummerċjalment.
- (9) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽⁴⁾ jiġi emendat kif xieraq.
- (10) L-Istati Membri jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-fenpirażammina, li mhumiex konformi mal-ispeċifikazzjoni tal-materjal tekniku kif immanifatturat kummerċjalment u mal-kundizzjonijiet ristretti tal-approvazzjoni.
- (11) Fir-rigward tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom id-fenpirażammina, meta jingħata perjodu ta' grazzja f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 mill-Istati Membri, dak il-perjodu jenħtieġ li jiskadi sa mhux aktar tard minn 15-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Miżuri tranżitorji

L-Istati Membri, fejn meħtieġ, għandhom jemendaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet eżistenti għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-fenpirażammina bħala sustanza attiva sa mhux iktar tard mis-6 ta' Lulju 2021.

Artikolu 3

Perjodu ta' grazzja

Kull perjodu ta' grazzja mogħti mill-Istati Membri f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 għandu jkun qasir kemm jista' jkun u għandu jiskadi sa mhux aktar tard mis-6 ta' Lulju 2022.

Artikolu 4

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

ANNEX

Il-kolonna "Purità" tar-ringiela 25, fenpirażammina, tal-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 hija sostitwita b'dan li ġej:

"≥ 960 g/kg

L-impurità manifatturata li ġejja hija ta' tħassib tossikoloġiku u ma għandhiex taqbeż l-ammont li ġej fil-materjal tekniku:

Idrazina: Kontenut massimu: < 0,0001 % (1 mg/kg)"

Il-kolonna "Dispożizzjonijiet speċifiċi" tar-ringiela 25, fenpirażammina, tal-Parti B tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 hija sostitwita b'dan li ġej:

PARTI B

"Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' reviżjoni dwar il-fenpirażammina, u b'mod partikolari l-Appendiċijiet I u II tiegħu, kif iffinalizzati mill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali fl-1 ta' Ġunju 2012, u emendat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf fit-18 ta' Mejju 2020. Il-purità mogħtija f'din l-entrata hija bbażata fuq produzzjoni kummerċjali tal-pjanti."

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/460**tas-16 ta' Marzu 2021****li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-entrata għall-Ukrajna fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati lejn l-Unjoni, u jgħaddu minnha bi tranżitu, ċerti prodotti tat-tjur b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li jorjiginaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-frażi introdutturja tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 8, il-paragrafu 4 tal-Artikolu 8, u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju, u l-importazzjoni ta' tajr u bajd għat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 24(2) u 25(2) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 ⁽³⁾ jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjonijiet lejn l-Unjoni u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin waqt it-tranżitu, tat-tjur u l-prodotti tat-tjur ("il-prodotti"). Ir-Regolament jipprevedi li tista' ssir importazzjoni tal-prodotti jew li dawn jgħaddu mill-Unjoni bi tranżitu biss mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni u mill-kumpartimenti li hemm elenkati fil-kolonna 1 u 3 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tiegħu.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistabbilixxi wkoll il-kundizzjonijiet biex pajjiżi terzi, territorju, żona jew kumpartiment ikunu jistgħu jitqiesu ħielsa mill-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (l-HPAI).
- (3) L-Ukrajna hija elenkata fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 bħala pajjiżi terzi li minnu huma awtorizzati l-importazzjoni fl-Unjoni u t-tranżitu minnha ta' ċerti prodotti tat-tjur minn ċerti partijiet tat-territorju tagħha skont il-preżenza tal-HPAI. Dik ir-reġjonalizzazzjoni ġiet stabbilita fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/352 ⁽⁴⁾, wara li ġiet ikkonfermata tifqigħa tal-HPAI tas-sottotip H5N8 fid-19 ta' Jannar 2020.
- (4) Wara t-tifqigħa tal-HPAI, l-Ukrajna implimentat politika ta' qerda sabiex tikkontrolla u tillimita t-tixrid ta' dik il-marda. Barra minn hekk, l-Ukrajna lestiet il-miżuri meħtieġa ta' tindif u diżinfekzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-azjenda tat-tjur fejn ġiet ikkonfermata t-tifqigħa tal-HPAI f'Jannar 2020. L-Ukrajna bagħtet informazzjoni aġġornata, li ġiet iwwalutata mill-Kummissjoni, dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħha u l-miżuri meħuda għall-prevenzjoni ta' aktar tixrid tal-HPAI.
- (5) Fuq il-bażi ta' dik l-evalwazzjoni, għe konkluż li dik it-tifqigħa ma għadhiex preżenti u li ma hemm l-ebda riskju assoċjat mal-introduzzjoni fl-Unjoni ta' prodotti tat-tjur miż-żoni tal-Ukrajna elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 minn fejn l-importazzjonijiet għew sospiżi minn dak ir-Regolament, kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/352.

⁽¹⁾ ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.⁽²⁾ ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja (ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1).⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/352 tat-3 ta' Marzu 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 fir-rigward tal-entrata għall-Ukrajna fil-lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati lejn l-Unjoni, u jgħaddu minnha bi tranżitu, ċerti prodotti tat-tjur b'rabta mal-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja (ĠU L 65, 4.3.2020, p. 4).

- (6) Madankollu, fl-4 ta' Diċembru 2020, l-Ukrajna kkonfermat il-preżenza tal-HPAI tas-sottotip H5 f'azjenda tat-tjur fit-territorju tagħha. Minħabba li għet ikkonfermata t-tifqigħa tal-HPAI, it-territorju kollu tal-Ukrajna ma jistax jibqa' jitqies bħala ħieles minn dik il-marda u l-awtoritajiet veterinarji tal-Ukrajna ma jistgħux, għalhekk, jibqgħu jiċċertifikaw kunsinni ta' prodotti tat-tjur għall-importazzjoni fl-Unjoni, jew għat-tranżitu minnha, miż-żoni kkonċernati minn dik it-tifqigħa. Wara dik it-tifqigħa, l-Ukrajna kkonfermat aktar tifqigħat tal-HPAI tas-sottotip H5 fl-azjendi tat-tjur fit-territorju tagħha.
- (7) L-awtoritajiet veterinarji tal-Ukrajna kkonfermaw li wara t-tifqigħa f'Diċembru 2020, huma ssuspendew il-ħruġ taċ-ċertifikati għall-kunsinni ta' prodotti maħsuba għall-importazzjoni fl-Unjoni, jew għat-tranżitu minnha, u implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw l-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.
- (8) Barra minn hekk, l-Ukrajna ressqet informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħha u indikat iż-żoni mqiegħda taħt restrizzjonijiet kif ukoll il-miżuri li ħadet biex tipprevjeni aktar tixrid tal-HPAI barra minn dawk iż-żoni ristretti. Din l-informazzjoni issa għet evalwata mill-Kummissjoni u abbażi ta' dik l-evalwazzjoni u l-garanziji li tat l-Ukrajna, jenħtieġ li jiġi konkluż li jkun biżżejjed li r-restrizzjonijiet fuq l-introduzzjoni fl-Unjoni ta' kunsinni ta' prodotti tat-tjur jiġu limitati għal dawk iż-żoni affettwati mill-HPAI, li l-awtoritajiet veterinarji tal-Ukrajna poġġew taħt restrizzjonijiet minħabba t-tifqigħat attwali, biex jiġu koperti r-riskji assoċjati mal-introduzzjoni ta' tali prodotti fl-Unjoni.
- (9) Għalhekk, jenħtieġ li l-entrata għall-Ukrajna fit-tabella fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 tiġi emendata biex tqis is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali f'dak il-pajjiż terz.
- (10) Għalhekk jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 jiġi emendat skont dan.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 hija emendata f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNEX

Fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, l-entrata għall-Ukrajna hija sostitwita b'dan li ġej:

Kodiċi tal-ISO u isem il-pajjiż terz jew it-territorju	Kodiċi tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, tat-territorju, taż-żona jew tal-kumpartiment	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Kundizzjonijiet speċifiċi		Status ta' sorveljanza tal-influenza tat-tjur	Status ta' tilqim kontra l-influenza tat-tjur	Status tal-kontroll tas-salmonella ⁽⁶⁾
			Mudell(i)	Garanzji addizzjonali		Data tal-għeluq ⁽¹⁾	Data tal-ftuħ ⁽²⁾			
1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
"UA – Ukrajna	UA-0	Il-pajjiż kollu	EP, E							
	UA-1	Il-pajjiż kollu tal-Ukrajna minbarra ż-żona UA-2	WGM							
			POU, RAT							
	UA-2	Iż-żona tal-Ukrajna li tikkorrispondi għal:								
	UA-2.1	Kherson Oblast (reġjun)	WGM		P2	30.11.2016	7.3.2020			
			POU, RAT		P2	30.11.2016	7.3.2020			
	UA-2.2	Odessa Oblast (reġjun)	WGM		P2	4.1.2017	7.3.2020			
			POU, RAT		P2	4.1.2017	7.3.2020			
	UA-2.3	Chernivtsi Oblast (reġjun)	WGM		P2	4.1.2017	7.3.2020			
			POU, RAT		P2	4.1.2017	7.3.2020			
	UA-2.4	Vinnytsia Oblast (reġjun), Nemyriv Raion (distrett), il-muniċipalitajiet: Il-villaġġ ta' Berezivka Il-villaġġ ta' Bratslav Il-villaġġ ta' Budky Il-villaġġ ta' Bugakiv Il-villaġġ ta' Chervone Il-villaġġ ta' Chukiv Il-villaġġ ta' Danylky Il-villaġġ ta' Dovzhok Il-villaġġ ta' Horodnytsia Il-villaġġ ta' Hrabovets	WGM		P2	19.1.2020	20.3.2021			
			POU, RAT		P2	19.1.2020	20.3.2021"			

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
		Il-villaġġ ta' Hranitne Il-villaġġ ta' Karolina Il-villaġġ ta' Korovayna Il-villaġġ ta' Korzhiv Il-villaġġ ta' Korzhivka Il-villaġġ ta' Kryklivtsi Il-villaġġ ta' Maryanivka Il-villaġġ ta' Melnykivtsi Il-villaġġ ta' Monastyrok Il-villaġġ ta' Monastyrsk Il-villaġġ ta' Nemyriv City Il-villaġġ ta' Novi Obyhody Il-villaġġ ta' Ostapkivtsi Il-villaġġ ta' Ozero Il-villaġġ ta' Perepelychcha Il-villaġġ ta' Rachky Il-villaġġ ta' Salyntsi Il-villaġġ ta' Samchyntsi Il-villaġġ ta' Sazhky Il-villaġġ ta' Selevintsi Il-villaġġ ta' Sholudky Il-villaġġ ta' Slobidka Il-villaġġ ta' Sorokoduby Il-villaġġ ta' Sorokotiazhyntsi Il-villaġġ ta' Velyka Bushynka Il-villaġġ ta' Vovchok Il-villaġġ ta' Vyhnanka Il-villaġġ ta' Yosypenky Il-villaġġ ta' Zarudyntsi Il-villaġġ ta' Zelenianka								
	UA-2.5	Mykolaiv Oblast (reġjun) Kherson Oblast (reġjun), Khersonskiyi (Bilozerskiyi) Raion (distrett), il-muniċipalitajiet: Il-villaġġ ta' Tavriyske Il-villaġġ ta' Nova zoria	WGM POU, RAT		P2 P2	4.12.2020 4.12.2020				
	UA-2.6	Kiev Oblast (reġjun): Ivankiv Raion (distrett), il-muniċipalitajiet: Il-villaġġ ta' Leonivka Il-villaġġ ta' Blidcha Il-villaġġ ta' Kolentsi	WGM POU, RAT		P2 P2	24.12.2020 24.12.2020				

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
		Il-villaġġ ta' Zymovyshche Il-villaġġ ta' Rudnia-Talska Il-villaġġ ta' Sosnivka Borodianka Raion (distrett), il-muniċipalitajiet: Il-villaġġ ta' Koblytsia Il-villaġġ ta' Talske Il-villaġġ ta' Myrcha Il-villaġġ ta' Stara Buda, Il-villaġġ ta' Velykyi Lis Il-villaġġ ta' Krasnyi Riħ Il-villaġġ żgħir ta' Mykhailivskyyi								
	UA-2.7	Kiev Oblast (reġjun): Borodianka Raion (distrett), il-muniċipalitajiet: Il-belt ta' Borodianka Il-villaġġ ta' Kachaly Il-villaġġ ta' Shybene Il-villaġġ ta' Nebrat Il-villaġġ ta' Nove Zalissia Il-villaġġ ta' Berestianka Il-villaġġ ta' Zdvyzhivka Il-villaġġ ta' Babyntsi Il-villaġġ ta' Buda-Babynetska Il-belt ta' Klavdiyev-Tarasove Il-villaġġ ta' Poroskoten Il-villaġġ ta' Pylypovychi Il-villaġġ ta' Nova Hreblia Il-villaġġ ta' Vablia Il-villaġġ ta' Druzhnia Il-villaġġ ta' Halynka Il-villaġġ ta' Zahaltsi Il-villaġġ ta' Mykhailivskyyi (Mykhailenkiv) il-proprjetà rurali "Blyzhni sady" Buchanskyi Raion (distrett), il-muniċipalitajiet: Il-belt ta' Nemishayeve Il-villaġġ ta' Mykulychi Il-villaġġ ta' Dibrova Il-villaġġ ta' Kozyntsi Il-villaġġ ta' Chervona hilka Il-villaġġ ta' Plakhtianka	WGM		P2	27.12.2020				
			POU, RAT		P2	27.12.2020				

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
		Il-villaġġ ta' Myrotske Parti mill-belt ta' Vorzel ikkonfinata minn Bilostotskykh u Pushkina str.								
	UA-2.8	Kherson Oblast (reġjun): Kakhovskiy Raion (distrett), il-muniċipalitajiet: Il-villaġġ ta' Zaozerne Il-villaġġ ta' Skvortsivka Il-villaġġ ta' Maryanivka Il-villaġġ ta' Slyenko Il-villaġġ ta' Olhivka Novotroyitskiy Raion (distrett), il-muniċipalitajiet: Il-villaġġ ta' Volodymyro-Ilyinka Il-villaġġ ta' Sofiivka Il-villaġġ ta' Katerynivka	WGM POU, RAT		P2 P2	29.12.2020 29.12.2020				
	UA-2.9	Kiev Oblast (reġjun), il-belt ta' Kiev: Iż-żona li tinsab f'ċirku b'raġġ ta' 10 km iċċentrat fuq il-villaġġ ta' Hostomel tad- distrett Buchanskiy Raion, u li testendi fid- direżżjoni tal-arloġġ: (a) Tramuntana, Majjistral, Punent, Lbiċ: Ir-reġjun ta' Kiev (oblast), Buchanskiy Raion (distrett), il-muniċipalitajiet: Il-villaġġ ta' Moshchun, il-belt ta' Hos- tomel, il-belt ta' Kotsiubynske, il-belt ta' Irpın, il-belt ta' Bucha, il-villaġġ ta' Ho- renka. (b) Grigal, Lvant, Xlokk, Nofsinhar: Il-kon- fini tar-reġjun ta' Kiev (oblast) ma' Obo- lonskiy, Podilskiy, Shevchenkivskiy Raions (distretti) tal-belt ta' Kiev mill- intersezzjoni ta' Polarna str., Avtoza- vodska Str., Semena Skliarenko str. sal-intersezzjoni ma' Oleny Telihy str., Oleksandra Dovzhenko stro. sal-inter- sezzjoni ma' Oleny Telihy str., Oleksan- dra Dovzhenko str. sal-intersezzjoni ma' Peremohy Avenue	WGM POU, RAT		P2 P2	18.1.2021 18.1.2021				
	UA-2.10	Donetsk Oblast (reġjun): Id-distrett ta' Volnovaskiy (ex Velykonovosilkivskiy), il-muniċipalitajiet: Il-villaġġ ta' Vesele	WGM POU, RAT		P2 P2	3.2.2021 3.2.2021				

1	2	3	4	5	6	6 A	6B	7	8	9
		Il-villaġġ ta' Fedorivka Il-villaġġ ta' Skudne Il-villaġġ ta' Dniproenerhiia Il-belt ta' Velyka Novosilka Il-villaġġ ta' Rozdolne Il-villaġġ ta' Novyi Komar Il-villaġġ ta' Perebudova Il-villaġġ ta' Novoocheretuvate Il-villaġġ ta' Myrne Il-villaġġ ta' Ordadne Il-villaġġ ta' Komar Il-villaġġ ta' Vremivka Il-villaġġ ta' Voskresenka Il-villaġġ ta' Vilne Pole Il-villaġġ ta' Shevchenko Il-villaġġ ta' Burlatske Il-villaġġ ta' Pryvilne Dnipropetrovsk Oblast (reġjun): Id-distrett ta' Prokrovskiy, il-muniċipalitajiet: Il-villaġġ ta' Maliivka								

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/461**tas-16 ta' Marzu 2021****li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1235/2008 fir-rigward tad-data biex jintlaqgħu talbiet għar-rikonoxximent ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll għall-fini ta' ekwivalenza skont l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi bbażati fuq ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 2092/91 ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 33(3) u l-Artikolu 38(d) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jistabbilixxi li l-iskema ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll rikonoxxuti mill-Kummissjoni abbażi tal-Artikolu 33(3) tar-Regolament (KE) Nru 834/2007, biex iwettqu kontrolli u joħorġu ċertifikati f'pajjiżi terzi għall-fini ta' importazzjoni ta' prodotti b'garanziji ekwivalenti, se tiġi sostitwita minn skema ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll rikonoxxuti mill-Kummissjoni għall-fini ta' importazzjoni ta' prodotti konformi.
- (2) Minħabba t-tifqigħa tal-pandemija tal-COVID-19 u l-kriżi tas-saħħa pubblika relatata magħha, id-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2018/848 u ċerti dati oħra msemmija f'dak ir-Regolament ġew differiti b'sena permezz tar-Regolament (UE) 2020/1693 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾. B'riżultat ta' dan, ir-Regolament (UE) 2018/848 se japplika mill-1 ta' Jannar 2022.
- (3) Sabiex jiġi żgurat li l-kapaċitajiet amministrattivi neċessarji kienu disponibbli biex jipprovdu għal rikonoxximent f'waqtu ta' awtoritajiet ta' kontroll u ta' korpi ta' kontroll taħt l-iskema l-ġdida, Artikolu 11(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 ⁽⁴⁾ ġie emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/25 ⁽⁵⁾ sabiex tiġi introdotta data finali biex jintlaqgħu talbiet ġodda għar-rikonoxximent ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll għall-fini ta' ekwivalenza taħt l-iskema preċedenti. Dik id-data finali hija t-30 ta' Ġunju 2020.
- (4) Huwa għalhekk meħtieġ li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru. 1235/2008 jiġi emendat għal darb'oħra sabiex tiġi allinjata d-data li fiha jintlaqgħu t-talbiet ġodda għar-rikonoxximent ta' awtoritajiet ta' kontroll u korpi ta' kontroll għall-fini ta' ekwivalenza taħt l-iskema ta' importazzjoni preċedenti mad-data tal-istabbiliment tas-sistema ta' importazzjoni ġdida fir-Regolament (UE) 2018/848.
- (5) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 1235/2008 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.

⁽¹⁾ ĠU L 189, 20.7.2007, p. 1.⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).⁽³⁾ Ir-Regolament (UE) 2020/1693 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2020 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/848 fir-rigward tad-data tal-applikazzjoni tiegħu u ta' ċerti dati oħra msemmija f'dak ir-Regolament (ĠU L 381, 13.11.2020, p. 1).⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 tat-8 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 334, 12.12.2008, p. 25).⁽⁵⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/25 tat-13 ta' Jannar 2020 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1235/2008 li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar l-arranġamenti għall-importazzjonijiet ta' prodotti organiċi minn pajjiżi terzi (ĠU L 8, 14.1.2020, p. 18).

- (6) Sabiex l-awtoritajiet ta' kontroll u l-korpi ta' kontroll ikkonċernati jingħataw l-opportunità li jibbenefikaw bis-sħiħ mill-perjodu ta' żmien li fadal sat-30 ta' Ġunju 2021, wara li l-għodda tal-IT rilevanti tkun għet attivata mill-ġdid, jenħteġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat dwar il-produzzjoni organika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 1235/2008 id-data "30 ta' Ġunju 2020" hija sostitwita bid-data "30 ta' Ġunju 2021".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)